**Diskors tal-President tal-Parlament Ewropew u MEP tal-Partit Nazzjonalista Roberta Metsola, waqt Mass Meeting organizzat fl-okkażjoni tal-Festi tal-Indipedenza**

**Pjazza Tritoni**

**20.09.2023**

Grazzi. X'unur kbir li nkun hawn magħkom.  F'pajjiżi. Fil-pajjiż li nħobb. F'pajjiż li aħna lkoll inħobbu.

Dawn l-aħħar snin mhux dejjem kienu faċli. Imma wettaqtna id-dover tagħna u jien stajt nagħmel dan għaliex żammejt dejjem quddiem għajnejja li għandi l-appoġġ tagħkom. Is-support tagħkom itina l-enerġija biex naħdmu aktar.

Ninsab hawn nindirizzakom, grazzi lill-Kap tal-Partit Nazzjonalista Bernard Grech tal-istedina li għamilli. Grazzi. Bl-appoġġ sħiħ tal-kollegi fil-grupp parlamentari u tal-Kap ta-Partit; David Casa u jien qed inwettqu ħafna, f'isimkom fil-Parlament Ewropew.

Kollegi, grazzi. Qed naħdmu biex nuru l-kwalitajiet tajba tagħna l-Maltin u l-Għawdxin. U dan Minkejja dak li għamel ħaddieħor u minkejja dak li jista' jaħseb ħaddieħor dwarna, urejna li għandna vuċi soda. Għamilna minn kollox biex Malta u Għawdex ikunu fuq il-mappa għar-raġunijiet it-tajba.

Li tkun President tal-Parlament Ewropew, li tkun membru tal-Parlament Ewropew, ifisser li trid tiddeċiedi. Kultant id-deċiżjonijiet ikunu iebsa, imma l-importanti huwa li jittieħdu b'responsabiltà.

L-akbar lezzjoni li tgħallimt mingħandkom hi li l-politika hija forza li tista' tagħmel biha il-ġid. Li twettaq il-bidla għall-aħjar u aħna qegħdin fil-politika biex nagħtu direzzjoni, biex niddeċiedu, u mmexxu fl-aħjar interess tan-nies.

L-Indipendenza u s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea ma kinux deċiżjonijiet tal-mument, imma deċiżjonijiet li jħarsu lejn il-futur. Issa fuqna għandna r-responsabbiltà li nsarrfu l-viżjoni tagħna għal Malta Indipendenti Ewropea.

Xi tfisser l-Indipendenza għalina? Xi tfisser għal uliedna? Jien omm ta' erba' subien. X'pajjiż irrid għalihom? Intom x'pajjiż tridu għal uliedkom u għal ulied uliedkom? U aħna x'irridu nagħmlu?

Irridu naraw Malta aħjar, stabbli, u li tkabbar il-prosperità.

Malta, fejn biex inti timxi 'l quddiem mhux importanti jekk intix blu jew aħmar. Fejn biex tieħu, dak li hu tiegħek bi dritt, ma jiddependix fuq lil min taf. Aħna rridu sistemi li jaħdmu tajjeb.

Irridu Malta fejn lil min jagħmel l-affarijiet kif suppost jimxi 'l quddiem.

Malta, fejn l-orjentazzjoni sesswali ma twassalx għall-*hate speech* jew diskriminazzjoni.

Malta, fejn id-diżabiltà mhix ostakolu għaliex l-importanti hu dak li kapaċi tagħmel u li s-soċjeta' tgħinek tilħaq dik il-kapaċita'.

Malta, fejn il-mara ma tkunx vittma ta' vjolenza domestika.

Malta, fejn il-mara tkun f'aktar karigi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet.

Malta, fejn l-ugwaljanza ma tfissirx li kulħadd isir kopja ta' xulxin, imma li kulħadd ikollu l-istess ċans li jilħaq il-potenzjal tiegħu jew tagħha.

Malta, fejn iċ-ċittadinanza għażiża li ħadem tant għaliha Gorg Borg Olivier ma tkunx għall-bejgħ.

Malta, fejn niġġieldu l-korruzzjoni anki bl-eżempju tagħna u mhux isibu l-iskużi biex ngħattuha.

Malta, fejn il-ġurnalisti jżommu lill-politiċi, lilna, accountable mingħajr biża.

Malta, fejn ma tistenniex is-snin biex issir ġustizzja, kif qed jiġrilhom il-ġenituri ta' Jean Paul Sofia, il-familja ta' Daphne Caruana Galizia u l-familja ta' Sion Grech.

Aħna x'ġejjieni rridu għal pajjżna? X'inhi l-viżjoni tagħna għal dan in-nazzjon żagħżugħ bi storja daqshekk kbira?

Malta pajjiżi. Malta pajjiżna lkoll.

Imma, aktar minn hekk: Malta hija darna.

Għal Malta rridu l-eċċellenza f'dak kollu li aħna nagħmlu.

Standards għolja.

Il-mentalità li kollox jgħaddi mhux aċċettabbli, mhux xi ħaġa tajba. Għaliex il-medjokrità tnawwar is-soċjetà tagħna. Tifni pajjiżna. Bħalma f'darna rridu l-aħjar, hekk ukoll għal pajjiżna. Dik hi li tfisser eċċellenza: l-aqwa f'dak kollu li nagħmlu. U Jiena inħares f'għajnejn kull wieħed u waħda minnkom u ngħidilkom: aħna qegħdin fil-politika għaliex irridu l-aħjar għal pajjiżna, l-aqwa għalik. Dak li nixtieq bħala omm, jiena nixtiequ għalik.

Għaliex m'ilux iltqajt ma' omm li qaltli: "Jiena inħossni bla nifs. Ġieli kelli nnaqqas mix-xirja."

Il-familji tagħna ma jixirqilhomx hekk.

L-għoli tal-ħajja illum qed joħloq piż għal kulħadd. Huwa għal kull min iħaddem, għas-self-employed, u għall-SMEs.

Aħna rridu ekonomija fejn il-ħaddiema u l-ħaddiema u min iħaddem jaqilgħu l-flus. Irridu ekonomija li tferra l-ġid fil-but tal-ħafna, u mhux ekonomija fejn il-ħafna jaħdmu biex ifawru l-bwiet tal-ftit.

Dan huwa poplu li kapaċi jibbrilla. Hemm setturi ekonomiċi ġodda li jirrendu. Ejjew nidħlu għalihom bl-enerġija kollha tagħna: l-intelliġenza artifiċjali; it-teknoloġija, *social entreprises,* clean tech. Nistgħu nipproteġu l-industriji tagħna u noħolqu oħrajn ġodda.

Aħna kapaċi nidħlu f's-setturi ġodda għaliex aħna għandna ħaddiema u sidien ta' negozji ta' ħila. Iċ-ċokon ta' pajjiżna mhux skuża għall-medjokrità imma huwa ta' vantaġġ.

L-entużjażmu ta' min jinvesti irid ikun l-entużjażmu tagħna wkoll, li qegħdin fil-politika. U allura ejjew nifirħu ma' min jagħmel il-ġid b'mod onest, kif jagħmlu l-ħafna. Il-politika tagħna, trid tkun waħda b'sistemi fiskali u inċentivi li joħolqu l-ġid u x-xogħol. U l-Gvern ma jikkompettix mal-privat u jipprova jeħodlu xogħlu u l-ħaddiema. B'hekk min jinvesti nħajruh jinvesti aktar. U dan aħna nistgħu nagħmluh jekk ikollna standards għolja, ta' eċċellenza. Din hija l-viżjoni tagħna.

Ejjew inrawwmu fost it-tfal u ż-żgħażagħ kultura ta' *entrepreurship.* Ejjew indaħħlu spirtu li kulħadd kapaċi jitfaħ *business*. Kulħadd għandu jkollu l-mira li jirnexxi f'dak li jagħmel. Għax kulħadd jista' jirnexxi b'ħiltu. U jekk ma tasalx hemm bżonn li int issib sistemi li jgħinnuk ħalli terġa' tipprova u mhux ikissruk.

U dan jitlob li jkollna ambjent ekonomiku li jagħmilha aktar faċli għal min irid jinvesti, b'anqas burokrazija, fejn li jgħodd hu l-valur tal-ideat u mhux il-valur u l-poter ta' lil min taf jew min jippretendi li jaf fejn jaqbillu!

Aħna kapaċi, full stop. B'firxa wiesgħa ta' impjiegi jiżdiedu l-flus fl-idejn u iva, min għandu l-paga minima jew pensjoni baxxa jkun jista' jaqla' aktar, u jkun jista' u nista' narraw. l-middle class tikber biex dik l-omm li ltqajt magħha u ħafna u ħafna bħalha, ma jkollhomx iżjed għażliet diffiċli. Jiena ma nixtieqx li jkollna aktar uġiegħ ta' koppji li minkejja li jaħdmu t-tnejn ma jistgħux jixtru post, li b'pagi aħjar ikunu jistgħu jinvestu fid-dar tagħhom.

Semmejt lit-tfal u ż-żgħażagħ. L-hena tiegħi huwa l-inżur skejjel u niltaqa' ma dan it-tfal. Biex il-viżjoni tagħna ta' eċċellenza nilħquha rridu nagħmlu l-akbar investimenti f'uliedna u fl-edukaturi.

Id-dar li aħna lkoll nixtiequ hi fejn tissaħħaħ l-indipendenza tal-ħsieb ħalli t-tfal u ż-żgħażagħ ikunu ħassieba kritiċi, *critical thinkers.*

U għalhekk it-tfal tagħna jkunu jistgħu jibdew jistaqsu u mhux jemmnu kollox. Jiddubbitaw u mhux jaċċettaw dak li jaslilhom.

Irridu edukazzjoni li tħaddan l-innovazzjoni u l-kreattività u tipprepara lit-tfal idawwru l-inċertezza f'opportunitajiet ġodda. Dawn huma l-istandards li rridu għal uliedna. Darna tista' tisbieħ. Dan jiddependi minna.

Iltqajt ma' raġel li qalli: "Pajjiżi inħobbu. Imma rrid ~~li~~l-arja nadifa." Qalli: "Sar hawn bini bl-addoċċ kullimkien. M'għandniex nitilfu s-sbuħija ta' pajjiżna." Dan nisimgħuh ħafna.

Fejn hemm bżonn bini dan għandu jsir, imma dan irid isir aħjar, b'dehra sabiħa. Irid jirrispetta l-karattru tal-villaġġi u l-ibliet tagħna, jirrispetta lill-ġirien. Il-bini ma jridx jeqred l-ispazji miftuħa. L-attitudni tal-ftit li kif jaraw siġra iridu jqaċċatha trid tispiċċa.

Ambjent aħjar ifisser ukoll li jrid ikollna l-aqwa faċilitajiet ambjentali, u li jlaħħqu mad-domanda.

Issa dan tgħiduli 'dan possibbli'? Iva. Trid ħsieb, trid pjanar serju u li twettaq id-deċiżjonijiet it-tajbin. Trid leadership. L-infrastruttura trid tantiċipa l-bżonnijiet tal-pajjiż. Araw ir-riżultati

llum minħabba li ma ġarax hekk: traffiku, qtugħ ta' dawl għal disat'ijiem sħaħ, skart mitluq barra. Qalbi, u mingħajr dubju, qalbkom ukoll, tingħafas - muntanji ta' żibel kull fejn tħares. Dawn mhux l-istandards li rridu għal pajjiżna. Din mhix l-eċċellenza li nifhmu biha aħna. L-istandards għolja ambjentali għanhom jridu jkunu sors ieħor li jkabbru l-ekonomija.

Għandna nieħdu vantaġġ mill-enerġija li tiġġenera x-xemx, niksu l-bjut tagħna bil-panelli. Niġġeneraw enerġija nadifa, innaqsu l-kontijiet tad-dawl, u nservu ta' mudell għall-bqija tal-Ewropa.

U għal dan jeħtieġ nippjanaw fit-tul u mhux minn issa għal issa, anki fit-trasport li għandu impatt ambjentali kbir.

Jeħtieġ li jkollna toroq li ma joħolqux traffiku.

Għandna bżonn sistemi ta' traffic managment aħjar. Kemm-il darba sibtu ruħkom imblukkat fi triq magħluqa u tgħid li kieku ħasbu minn qabel, kienux jdawwru t-traffiku minn x'imkien ieħor? Imma possibbli li daqshekk tqila li t-traffiku jitmexxa sew? Dan kollu għandu impatt ekonomiku.

U hemm is-soluzzjonijiet. Aħna għandna is-soluzzjonijiet biex intejbu l-ambjent f'pajjiżna u biex nilħqu l-eċċellenza anki f'dan il-qasam.

L-istess fis-saħħa, l-għażla bejn li tbiegħ l-isptarijiet u l-għażla favur il-pazjenti għalina mhix diffiċli. L-għażla tagħna favur il-pazjenti hija faċli f'Malta u Għawdex.

Darna hi wkoll Għawdex. Jeħtieġ inħarsu lil Għawdex bl-aqwa mod.

Għawdex jista' jkun fil-qofol tat-tranżizzjoni diġitali fl-Ewropa u mudell ambjentali mill-aqwa. Ir-rieda tagħna li Għawdex ikun vetrina ekonomika, ambjentali u turistika għal dak li jista' joffri pajjiżna u l-Ewropa hija kbira. L-Għawdxin bbrillaw f'ħafna minn dak li għamlu u juruna wkoll kif l-eċċellenza tista' tintlaħaq. Imma xejn ma jiġi waħdu. Irridu nistinkaw, u għalhekk qegħdin hawn. Biex nagħtu tama lin-nies.

Għandna ħafna x'nagħmlu għal pajjiżna.

L-isfidi m'humiex żgħar, imma naqtgħu qalbna? Qatt u qatt.

Nabbandunaw kollox? Qatt u qatt.

Jiena inwieġeb hekk għax jien nemmen f'pajjiżi.

Jien nemmen fina l-Maltin u l-Għawdxin. Ir-responsabbiltà hija fuqna biex flimkien infasslu ġejjieni isbaħ għal Malta Indipendenti, Malta Ewropea.

U id-dar li tixirqilna trid tkun dar fejn kull Malti u Maltija jkunu stmati u jkollhom id-dinjità li tixirqilhom. *Labels* li ma jagħmlux sens, tikketti tal-passat, irridu nħaddnu l-futur. Għaliex in-nostalġija ma għandha l-ebda post fil-politika. Għalekk irridu nkunu lesti u ma nibżgħux infasslu l-bidla.

Indur fuq ħafna nies li jgħiduli "jien qtajt qalbi mill-politika, għaliex il-politiċi kollha l-istess." Le mhumiex kollha l-istess.

Meta persuna turi falsità aħna nikxufha. Meta jkun hemm abbuż aħna nieqfulu u naraw li ssir ġustizzja.

Ma tistax taqa' aktar fil-baxx milli tuża l-pożizzjoni tiegħek biex tisraq lill-vulnerabbli! Tkun qed titradixxi lil min fdak u tkun tisraq lil min verament għandu bżonn.

U jien emmint dan meta fi żmien Eddie Fenech Admi meta ħdimt fil-politika bħala studenta. Emmint dan meta Lawrence Gonzi talabni noħroġ għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew u illum nemmen dan bħala President tal-Parlament! U nibqa' nemmen li l-politika hi għodda ta' ġid, meta timxi bil-prinċipji.

Għaliex mhux kollox mitluf.

Le, mhux tard. *It's not too late.* Għadna fil-ħin. *We're still in time.*

U hawnhekk nibgħat messaġġ lil dawk li mhumiex fostna illejla. Intom ukoll tistgħu tkunu parti minn din il-bidla. Semmgħu leħinkom, involvu ruħkom, agħmlu kuntatt magħna, ejjew infasslu l-futur li beda minn issa flimkien.

Dan huwa Partit li jrid jisma lil kulħadd. Lil min tbiegħed mill-politika rridu nilqgħuh. Nibdew billi nisimgħu, nassorbew u nispjegaw. U dan irridu nagħmluh ma' kulħadd. Id-diskors ta' aħna u huma, jifred u mhux jgħaqqad. Il-partiġġjaniżmu jżommna lura.

Ejjew nibdew konverzazzjoni nazzjonali, fejn kulħadd iħossu parteċipi biex infasslu l-ġejjieni ta' dan il-poplu Indipendenti u Ewropew flimkien. Ġejjieni mibni fuq standards għolja u li kapaċi nilħquhom.

U għalekk aħna qegħdin hawn għaliex irridu nfasslu l-ġejjieni.

Il-ġejjieni mhux destin.

Il-ġejjieni mhux kaxxa magħluqa.

Il-ġejjieni hu l-kaxxa li rridu noħolqu aħna, bil-vizjoni tagħna, bil-ħila tagħna – għax aħna Maltin u Għawdxin kapaċi.

Għalhekk jien qegħda hawn illum, biex nitolbukom il-fiduċja tagħkom darb'oħra f'Ġunju li ġej.

Bl-appoġġ tagħkom nistgħu nagħtu l-aħjar għal dan in-nazzjon, għal kull wieħed u waħda minnkom u għall-Ewropa li aħna parti minnha. Dan huwa l-impenn tiegħi, flimkien ma' sħabi l-kandidati li ħerġin għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew fit-8 ta' Ġunju li ġej.

Jiena dħalt fil-politika biex inbiddel u hekk irrid inkompli nagħmel.

Ejjew allura nemmnu fina nfusna.

Nemmnu fiż-żgħażagħ, li kapaċi jagħmlu d-differenza.

Nemmnu f'min jinvesti u f'min joħloq l-impjiegi.

Aħna qegħdin hawnhekk u nafu li rridu jkollna politika li tħaddan lil kulħadd. Lill-ħaddiema, lill-anzjani, li bl-onestà kapaċi jitkattar il-ġid, u li pajjiżna jista' jitmexxa b'serjetà.

Iva, għeżież ħbieb, b'għaqal u determinazzjoni nistgħu naslu.

Iva, Malta u Għawdex jista' jkollhom futur isbaħ.

Iva, f'pajjiż li jġedded l-Indipendenza fl-Unjoni Ewropea

Iva, bit-tama u l-kuraġġ kapaċi naslu.

Viva Malta Indipendenti.

Viva Malta Ewropea.

Visa Malta tagħna.